**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Joseph Buttigieg**

Illum 26 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Buttigieg iben Paul u Loreta nee` Debono li joqghod fil-fond 'Joe Jane', Triq ta' Cassia , Qala, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 1765 G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel il-21 t' Awissu 1999 u d-9 t' Ottubru 2000 bhala proprjetarju tal-fond 'Joe Jane', Triq ta' Cassia , Qala, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mija u wiehed u sittin liri Maltin u sittin centezmi (Lm161.60c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal erbghin lira Maltija (Lm40.00).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema' u tkun deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat sabiex din il-Qorti tisma' u tiddeciedi l-kaz bl-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2002;

Semghet l-obbligazzjoni ta’ l-imputat li jhallas l-ammonti pretizi fi zmien xahar mil-lum;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u l-valur;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 278, 279 u 325 (c) tal-Kap 9;

Wara li rat il-Fedina Penali ta’ l-imputat;

Tilliberah taht il-provvediment ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum;

Tobbligah ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta esebita f’dan il-process fi zmien xahrejn mil-lum.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur